# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis 21 ta’ Novembru 2024**

**Numru 8**

**Rikors Numru 737/21TA**

**Citadel Insurance P.l.c. (C21550)**
**vs**
**Mapfre Middlesea P.l.c. (C5553)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Citadel Insurance P.L.c. (is-Soċjeta’ Attriċi) tas-27 ta’ Lulju 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Premess illi s-soċjeta\` rikorrenti kienet tikri l-propjeta\` bl-indirizz 30, Żabbar Road, Paola mingħand terzi.

2. U billi fit-23 ta\` Jannar 2019 seħħ inċident awtombilistiku fejn il-vettura, ossia karozza tal-linja bin-numru tar-reġistrazzjoni BUS645 assigurata mis-soċjeta\` intimata Mapfre Middlesea Plc, baqgħet dieħla fil-propjeta\` mikrija mis-soċjeta\` esponenti.

3. U billi in segwitu ta\` dan l-inċident il-propjeta\` mikrija mis-soċjeta\` esponenti ġarbet ħsara estensiva u soffriet diversi danni materjali b\`

tali mod li s-soċjeta` rikorrenti ma setgħetx tkompli tagħmel użu tal-fond bil-konsegwenza li kellha tikri fond alternattiv bi prezz aktar għoli u billi inkorriet spejjeż estensivi sabiex saru xogħolijiet strutturali ta` natura urġenti.

4. U billi dan l-inċident ġara unikament tort tas-soċjeta` konvenuta kif surrogata fid-drittijiet tax-xufier li kkawża l-inċident minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta` tħaris tar-regolamenti tat-traffiku.

5. U Billi s-soċjeta` konvenuta ġiet interpellata diversi drabi, anke uffiċjalment, sabiex tgħaddi għall-likwidazzjoni u ħlas ta` danni sofferti mis-soċjeta` rikorrenti iżda baqgħet inadempjenti salv li fil-11 ta` diċembru 2020 iddepożitat permezz ta` ċedola (hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A) is-somma ta` €39,000 li l-istess intimata kkalkolat li huma d-danni sofferti mill-attriċi.

6. U billi s-soċjeta` rikorrenti ma hijiex qiegħda taċċetta li bis-somma depostita ġew saldati d-drittijiet tagħha;

7. U billi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u għal dawk li ser jirriżultaw fit-trattazzjoni ta` din il-kawża, is-soċjeta` rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara lil-intimata bħala assikuratriċi tal-vettura BUS645 hi responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għall-ħsarat kollha li ġew kaġunati lir-rikorrenti bħala riżultat tal-inċident awtombilistiku li seħħ nhar it-23 ta` Jannar 2019;

2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta` periti nominandi, l-ammont dovut lis-soċjeta` rikorrenti in linea ta` kumpens għal danni sofferti minnha kaġun tal-inċident premess;

3. Tillikwida kumpens xieraq rappreżentanti spejjeż ta` loss adjusters, periti u professjonisti oħra li ġew inkarigati mir-rikorrenti sabiex jgħinuha u jiggwidawha fis-soluzzjoni tal-vertenza odjerna;

4. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` rikorrenti is-somom hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta` l-ittri uffiċjali bin-numri 3504/2020 u 2199/2019 u bl-imgħaxijiet kontra s-soċjeta` konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Mapfre Middlesea P.L.c. (is-Soċjeta konvenuta) tal-24 ta' Awwissu 2021 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Illi ma hemm ebda kontestazzjoni dwar ir-responsabbilta' għall-inċident mertu tal-kawża odjerna.

2. Illi n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet huwa limitat biss għall-kwantifikazzjoni ta' danni riżultanti mill-imsemmi inċident.

3. Illi s-soċjeta' rikorrenti ma ppruvatx timminimizza d-danni li sofriet hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazjoni ta' dan il-każ.

4. Illi ta' min wieħed jirrileva li sal-ġurnata tallum, is-soċjeta' rikorrenti għadha lanqas kwantifikat it-talba tagħha minkejja t-trapass ta' żmien mid-data tal-inċident.

5. Illi s-soċjeta' intimata kienet waslet għas-somma ta' disa' u tletin elf Euro (€39,000) bħala l-ħsarat sofferti mill-esponenti abbażi ta' dokumentazzjoni u provi oħra mressqa minnha u ma hemm ebda ammont ulterjuri illi jrid jitħallas lilha.

6. Illi din is-somma kienet ġiet depożitata mill-intimata biss wara li saret offerta lis-soċjeta' rikorrenti f'dan l-ammont u baqa' ma kienx hemm risposta għal tali offerta. Illi għaldaqstant, is-soċjeta' intimata ddepożitat dan l-ammont ta' disgħa u tletin elf Euro (€39,000) sabiex is-soċjeta' rikorrenti tkun tista' liberament tiżbanka tali somma, mingħajr ebda preġudizzju għal kwalsiasi somma ulterjuri illi s-soċjeta' rikorrenti qed tippretendi illi hija dovuta lilha. Illi għaldaqstant l-ebda interessi m'għandhom jiddekorru fuq dan l-ammont.

7. Illi fil-każ illi l-Qorti tillikwida d-danni f'ammont ikbar mid-disgħa' u tletin elf Euro (€39,000) illi diġa ġew iddepożitati, l-interessi għandhom jiddekorru biss fuq id-differenza bejn is-somma likwidata minn din l-Onorabbli Qorti u s-somma depożitata.

8. Illi fi kwalunkwe każ, is-soċjeta' rikorrenti trid tipprova d-danni illi hija qiegħda titlob u illi ġew realment sofferti minnha;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk taċ-ċedola ta' depożitu numru 1854/2020, kontra s-soċjeta' rikorrenti li r-rappreżentanti tagħha huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża.

Rat u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' Fatti**

Din il-kawża tirrigwarda inċident li strettament ebda waħda mill-partijiet ma kienet involuta direttament fih, salv li fil-waqt li s-Soċjeta' Attriċi kienet topera mill-fond 30, Żabbar Road, Paola, is-Soċjeta' konvenuta hija s-Soċjeta' Assigurattriċi li tassigura lit-terz li wettaq il-ħsara fil-fond minn fejn kienet topera is-Soċjeta' Attriċi u kif ukoll fil-fond sovrastanti, li dwar dan l-aħħar hemm kawża oħra pendenti li ser tingħata sentenza dwarha llum stess.

Din il-ħsara ġiet ikkawżata minn vettura tat-trasport pubbliku bin-numru tal-pjanċa numru BUS 645 meta baqgħet dieħla fil-binja mertu tal-Kawża u kkawżat ħsarat konsiderevoli, tant li din il-binja kienet fil-perikolu ta' kroll. Kif ingħad din il-vettura, li dak in-nhar tal-inċident kienet tagħmel minnha l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku, kienet assigurata mis-Soċjeta' konvenuta li skond is-Soċjeta' Attriċi din ġiet issurrogata fid-drittijiet tax-xufier li jismu Saviour Attard.

Minkejja li s-Soċjeta' konvenuta ġiet interpellata uffiċjalment biex tgħaddi għall-ħlas din baqgħet inadempjenti. Jirriżulta mill-ittra uffiċċjali tat-23 ta' Ottubru 2020 indirizzata lil Malta Public Transport (Operations) Ltd, li l-ammont pretiż mis-Soċjeta' Attriċi bħala danni huwa dak ta' €64,813.22 u dan kif jirriżulta minn ittra (a' fol 86). Il-kontendenti ma waslux bejniethom

biex jaqblu fuq ammont tant li s-Soċjeta’ konvenuta saħansitra għaddiet biex tiddepożita taħt l-Awtorita’ tal-Qorti l-ammont li temmen li huwa ġust u ċioe dak ta’ €39,000 (a’ fol 87).

Stante dan in-nuqqas ta’ qbil, is-Soċjeta’ Attriċi għaddiet beix tagħmel il-kawża odjerna kontra s-Soċjeta’ konvenuta.

**Punti ta’ liġi**

Mir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta’ konvenuta jemerġi ċar li r-reponsabbilita’ tal-inċident hija ammessa. Għalhekk din il-Qorti ser tkun limitata li tiddeċiedi dwar l-ammont ta’ danni sofferti mis-soċjeta’ Attriċi b’konsegwenza tal-inċident, vertenza li ż-żewġ partijiet m’humiex jaqblu fuqha u li ma għamluha xejn faċli għall-Qorti biex tasal għall-punt li għandu jiġi deċiż.

Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jenunċja l-prinċipju kardinali li *“kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu”.* (Ara **Sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 2006 fl-ismijiet Vincent Curmi nomine -vs- Joseph u Sonia konjuġi Paila Manche tal-Prim Awla Qorti Ċivili**).

Mad-daqqa t’għajn dan il-prinċipju huwa wieħed ċar daqs il-kristal, iżda meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-fatti għal dan il-prinċipju, il-kwistjoni tista’ tirrendi lilha nnifisha f’eżerċizzju laburjuż kif fil-fatt hija l-kawża tal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-kwistjoni kollha hija adombrata bin-nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet biex jaslu għall-qbil tad-danni realment sofferti mis-Soċjeta’ Attriċi. Il-Qorti trid

tgħid li din ma kinitx tistennija minn żewġ entitajiet li min jaf kemm jissuġerixxu lill-klijenti tagħhom biex jilħqu qbil barra l-Qorti.

Hemm numru ta' ċirkostanzi li jindikaw min mill-partijiet beda jipprevarika u li għalhekk ix-xogħlijiet li kellhom isiru ħadu aktar minn kemm suppost. Jemerġi li s-Soċjeta' konvenuta tassew kienet qed tagħmel ħilitha mhux biss biex il-biċċa tinqata' iżda wkoll biex l-ispejjes, li fl-aħħar mill-aħħar riedet tħallashom hi, tassew ikunu ġusti.

Meta fit-30 ta' April 2019 kienu infurmati li Attard Bros bdew ix-xogħlijiet, is-Soċjeta' konvenuta għamlitha ċara li ma kinitx ser tħallas jekk ir-rati tax-xogħol ma jkunux riveduti. Is-Soċjeta' Attriċi jidher li ma għamlet ebda tentattiv biex ikun hemm din ir-reviżjoni, anke jekk lil Attard Bros, kif jirriżulta ġew inkarigati minnha. Għalhekk is-Soċjeta' konvenuta, għaliex qatt ma rċeviet risposta ċara mis-Soċjeta' Attriċi kienet kostretta li tavviċina lil Attard Bros u tawha stima riveduta li qablet magħha (a' fol 471). Huwa minnu wkoll li Angela Tabone għas-Soċjeta' Attriċi tgħid li s-Soċjeta' konvenuta ma kinitx kuntenta bil-prezzijiet tax-xogħlijiet u rrifjutaw li jħallsu għalhekk kellha tieqaf u kellhom ifittxu post alternattiv minn fejn joperaw (a' fol 74). Imma s-Soċjeta' konvenuta kellha kull raġun li ma tkunx kuntenta bil-prezzijiet għaliex kif rajna kien bl-intervent tagħha li dawn ġew riveduti u għalhekk aċċettabbli għaliha. Fil-fehma tal-Qorti dan l-intervent messu sar mis-Soċjeta' Attriċi konsapevoli li s-Soċjeta' konvenuta ma hiex qed taqbel mal-prezzijiet iżda minflok għażlet li toqgħod lura. B'dan kollu Kenneth

Camilleri fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2024 jixhed li l-istima inkwistjoni kull meta talbuha lis-Soċjeta' Attriċi qatt ma waslet għandhom.

Indikazzjoni ċara ta' kemm is-Soċjeta' Attriċi ma kinitx qed titratta l-kwistjoni b'ċelerita' li jixirqilha, hija x-xhieda ta' Caroline Cachia l-proprjetarja tal-fond li mingħandha kienet tikri s-Soċjeta' Attriċi, li fl-istorja kollha hi u l-proprjetraju tal-fond sovrapost kienu l-veru vittmi. Din tixhed li tħallset mingħand Mapfre (a' fol 64 ara ma' fol 473 xhieda ta' Kenneth Camilleri). L-ammont ta' kera dovut lilha kien ta' €13,630 (a' fol 97). Min-naħa l-oħra tispjega li s-Soċjeta' Attriċi qalatilha qalbha u tatha ċ-ċavetta f'Ġunju tal-2020.

Il-frażi preċiża li tuża hija li s-Soċjeta' Attriċi qalatilha fwiedha (a' fol 531 u 532). Dwar l-arranġament tas-Soċjeta' Attriċi din ix-xhud hija ċara daqs il-kristall meta tgħid "*meta dawn għal diversi drabi niġri warajhom, tlabthom meetings on site, u dawn l-affarijiet u rajt li qisu m'hemmx interess u dam għaddej iż-żmien u l-post baqa' status quo,*" (a' fol 65 Emfażi tal-Qorti). Biex proprju tippuntwalizza dan il-punt ta' dewmien da parti tas-Soċjeta' Attriċi din ix-xhud saħansitra xlietha li bdiet tinjoraha biex b'hekk il-biċċa "*Bdiet titwal*" (a' fol 530 et seq).

Il-kontendenti ħallsu nofs kull wieħed l-arretrati ta' kera u meta daħlet is-Soċjeta' Konvenuta biex titkellem magħha fi ftit xhur lestew kollox (a' fol 533 sa 534). Pero' dwar il-ħlas ta' kera, din ix-xhud tgħid ukoll "*Imma lili qatt ma tawni ċavetta, la qatt tawni notice li joħorġu minnu, allura baqa' mikri lilhom*" (a' fol 531). Dan juri li s-Soċjeta' Attriċi, għalkemm kellha raġun

tfittex għad-danni li sofriet, ma jidhirx pero' li kienet miexja b'kuranza u għaqal biex tirriklama dak li kien dovut lilha.

Imma l-mistoqsija li tqum hi dwar jekk dan id-dewmien jirriflettix ruħu fl-ammont li kellha tħallas is-Soċjeta' Attriċi biex setgħu jissewwew il-ħsarat. Fil-fehma tal-Qorti t-tweġiba hija le, jekk qatt id-dewmien kien ikollu rilevanza kieku s-Soċjeta' Attriċi kienet kostretta li tibqa' tħallas l-ewwel kirja li lanqas huwa l-kas. Di fatti anke fir-rikors ġuramentat l-ilment li kellha tieħu kirja bi prezz aktar għoli

Għalhekk il-kwistjoni kollha tirrigwarda jekk l-ammont li ħallset għall-ħsarat huwiex raġjonevolment dovut u jekk is-Soċjeta' konvenuta għandiex twieġeb għall-kirja l-ġdida. Meta wieħed jara l-kuntratt ta' kera ta' Caroline Cachia tal-11 ta' Marzu 2016 isib li l-kera li kellha titħallas mill-2019 (meta seħħ l-inċident) kienet dik ta' €36 kuljum sas-sena 2021 (a' fol 78 tergo) mentri fil-kirja tas-17 ta' Ottubru 2019 ma' Mario Vella għall-istess perjodu hija ta' €40. Dan iffisser li d-differenza hija dik ta' €4 kuljum. Dan ifisser li jekk qatt, is-Soċjeta' konvenuta trid tagħmel tajjeb għad-differenza iżda mhux għall-ammont kollu ta' kera għaliex il-parti l-kbira tal-ħlas fit-tieni kirja kienet trid issir dejjem fit-tieni kirja. Id-dewmien fix-xogħol f'ebda ħin m'għandu jirrifletti fuq din il-vertenza għaliex apparti li d-dewmien kien tort tas-soċjeta' Attriċi l-kera l-ġdida bil-fors kellha tittieħed għaliex l-istess Soċjeta' Attriċi ma setgħetx tagħlaq din il-fergħa tagħha bit-tul ta' żmien li ttieħed biex tissewwa l-ewwel propjeta'. Għalhekk jekk qatt is-Soċjeta' konvenuta bħala danni konsisteni f'kera għandha tħallas €2,288.

Mill-ittra tal-4 ta' Awwissu 2020 jirriżulta li l-ammont ta' danni li qed tippretendi s-Soċjeta' Attriċi huwa dak ta' €64,813.22. L-istess ammont intalab lil Malta Transport (Operations) Ltd fl-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ottubru 2020. In sosten ta' dan l-ammont is-Soċjeta' Attriċi preżentat kwantita' ta' dokumenti.

Il-Qorti għamlet li setgħet biex tipprova tifhem eżattament min ħallas xhiex u min ħallas lil min. Imma kemm ix-xhieda mressqa u kif ukoll il-kwantita' ta' dokumenti preżentati miż-żewġ naħat tant huma komplikati, li din il-Qorti ma tistax tasal għaċ-ċifra eżatta tad-danni u spejjes li qed tirriklama s-Soċjeta' Attriċi. Ħaġa hija ċerta, li danni sofriet żgur, konsistenti f'diversi spejjes li kellha tagħmel biex isiru t-tiswijiet, fost oħrajn dawk urġenti.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti tagħraf illi għandha poteri diskrezzjonali li tillikwida d-danni billi tadopera l-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva (**VolXXXV part III pagna 615**). Il-Qrati Maltin jiggwidaw ruħhom fuq l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni fejn ingħad: "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*;"

F'każ ta' likwidazzjoni *arbitrio boni viri* l-Qorti hija tenuta tagħti motivazzjoni tal-kriterji ta' l-apprezzament prudenti li juri l-likwidazzjoni tal-*quantum debeatur* (Ara **Sentenza Vol XXIX Part I pagna 1285**). Issa l-Qorti għandha quddiemha kwantita' ta' dokumenti prezentati miż-żewġ naħat u

diversi xhieda li għalkemm kienu involuti fix-xogħlijiet, lanqas huma ċari f'dettalji dwar minn ħallas xhiex jew lil min. Li huwa ċert hu, li s-Soċjeta' Attriċi tispetta li titħallas tal-ispejjes li għamlet u kirjiet li ħallset pero kif ingħad aktar 'l fuq.

Għalhekk din il-Qorti wara, li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ, hija tal-fehma, li jekk tillikwida l-ammont ta' tnejn u ħamsin elf ewro (€52,000), ibbażat fuq kemm il-partijiet rispettivament jikkonsidraw li hija ċ-ċifra korretta, tkun ċifra ekwa u ġusta għaż-żewġ partijiet.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** stante li hija ammessa anke fl-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' konvenuta.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** billi tillikwida s-somma ta' tnejn u ħamsin elf ewro (€52,000) rappreżentanti danni u kumpens dovut lis-Soċjeta' Attriċi. Kompriż f'somma ta' dak li qed jintalab **fir-raba' talba Attriċi**.

**Tilqa' ir-raba' talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas dan l-ammont lis-Soċjeta' Attriċi bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes għas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**